# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN

**Rikors Guramentat Nru.: 520/15MH**

**Illum 26 ta' Frar, 2016**

**Enemalta plc (C-65836) gja maghrufa**

**bhala l-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Carmel Grech detentur tal-Karta tal-Identita`**

**bin-numru 715259M u Anthony Grech**

**detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 124977M**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti, (u konfermat bil-gurament minn Eric Montfort fil-kapacita` tieghu bhala rapprezentant gudizzjarju tal-istess socjeta`) datat 29 ta' Mejju, 2015 fejn gie premess:

"*1. Illi s-socjeta` Enemalta plc hija s-successur fit-titolu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema Korporazzjoni tramite l-Petroleum Division kienet tissupplixxi fuels fl-inland fuel market u tbigh tali karburant lil network ta' distributuri u petrol stations madwar Malta;*

*2. Illi fost dan in-network ta' distributuri u pomp ital-petrol kien hemm l-intimati Charles u Anthony Grech li kienu joperaw fl-indirizz "Service Station*

*Daina Garage", 156, Old College Street, Sliema u l-istess intimati gew suppliti diversi drabi b'karburant li ghalih inhargu d-debiti fatturi;*

*3. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet f'dan is-sens, inkluz interpellazzjonijiet gudizzjarji u bonarji (Dok EC 1 u EC 2), l-intimati solidalment bejniethom fadlilhom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma bilancjali ta' tnejn u hamsin elf disa' mija u tmienja u erbghin Ewro u tlettax-il centezmu (Eur52,948.13) liema somma tirrapprezenta l-ammont dovut bhala prezz ghal konsenji ta' fuels moghtija lill-konvenuti kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat Dok EC 3;*

*4. Illi dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut u ghalhekk dan jaghti d-dritt lir-rikorrenti sabiex tipprocedi kontra l-intimati bi procediment sommarju specjali kif provvdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qieghda taghmel;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:*

*Tiddeciedi u tiddikjara skont it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn premessi, lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont bilancjali ta' tnejn u hamsin elf disa' mija u tmienja u erbghin Ewro u tlettax-il centezmu (Eur52,948.13) liema somma tirrapprezenta l-ammont dovut bhala prezz ghal konsenji ta' fuels moghtija lill-konvenuti li ghadha dovuta, bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment f'din il-Qorti u tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Lulju, 2012 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenuti in solidum li huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat li fit-2 ta' Ottubru, 2015 Dr. Stefano Filletti ghall-konvenuti kollha ammetta t-talbiet kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti u talab li l-Qorti joghgobha tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza fit-tul u dan sabiex fil-mori tad-differiment il-konvenuti jbieghu d-djar taghhom sabiex ikunu f'qaghda li jhallsu d-dejn mertu tal-kawza.

Rat li Dr. Antoine Cremona ma oggezzjonax ghat-talba.

Rat lil-Qorti ddifferiet il-kawza ghal aktar informazzjoni, (fuq il-hlas).

Rat li fis-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2016 Dr. Filletti ddikjara li kien instab bejgh tal-propjeta`. Illi ghaldaqstant din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-26 ta’ Frar, 2016.

Illi in vista tal-ammissjoni registrata mill-konvenuti din il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u hekk tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont bilancjali ta’ tnejn u hamsin elf disgha mija u tmienja u erbghin Ewro u tlettax-il centezmu (Eur52,948.13) liema somma tirrappresenta l-ammont dovut bhala prezz ghal konsenji ta’ fuels moghtija lill-konvenuti li ghadha dovuta bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri nkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Lulju, 2012 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-intimati.

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

Frederick Stagno Navarra
Dep. Reg.